MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 443/2012/1

**Carmel sive Charles Aquilina**

**v.**

**Alan u Karen-Lois konjugi Alden**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fl-4 ta’ Mejju, 2012 u li taqra hekk:

“1. Illi l-attur rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond, ossia garage internament bin-numru 1, formanti parti minn kumpless ta’ tliet (3) garages sottoposti ghal block ta’ zewg terrani u zewg maisonettes, liema garage huwa accessibbli minn drive-way li jaghti ghal Triq Swieqi, Swieqi, kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta’ akkwist datat 14 ta’ Dicembru 1992 in atti Nutar Dr. Mario Felice;

“2. Illi dan il-garage huwa sottopost ghall-proprjeta’ ta’ terzi, u aktar precizament ghall-fond proprjeta’ tal-konvenuti intimati;

“3. Illi rrizultat hsara fis-saqaf tal-fond, ossia garage, proprjeta’ tal-attur rikorrenti u dan per konsegwenza ta’ perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond tal-konvenuti intimati, u dan kif gie stabbilit u debitament certifikat minn diversi Periti Arkitetti, li kopja tar-rapporti taghhom qed jigi hawn mehmuza;

“4. Illi oltre l-problema ta’ perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond tal-konvenuti intimati ghal gewwa s-saqaf ta’ dan il-garage, qed tirrizulta wkoll problema ta’ umdita’ f’uhud mill-hitan ta’ dan il-garage, liema hitan divizorji jikkonfinaw ma’ parti differenti tal-fond proprjeta’ tal-konvenuti intimati, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“5. Illi ghalhekk, jehtieg illi jsiru xoghlijiet rimedjali kemm fis-saqaf ta’ dan il-garage, kif ukoll f’uhud mill-hitan tal-istess garage, u dan wara illi jigu identifikati, rimedjati u eliminati s-sors u l-kawza ta’ din il-hsara fil-fond proprjeta’ tal-konvenuti intimati, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

“6. Illi oltre li rrizultat hsara fis-saqaf ta’ dan il-fond, l-attur rikorrenti sofra wkoll danni konsistenti fin-nuqqas ta’ uzu ta’ dan l-istess garage, oltre li nkorra diversi spejjez relatati ma’ diversi spezzjonijiet li saru ta’ dan il-fond minn

persuni professjonali, inkluz Periti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“7. Illi ghalkemm il-konvenuti intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jirrizolvu l-problema ta’ perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond proprjeta’ taghhom ghal gewwa l-fond proprjeta’ tal-attur rikorrenti, kif ukoll sabiex jirrimedjaw il-hsara li rrizultat fil-fond proprjeta’ tal-attur rikorrenti, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din il-Qorti joghgobha::

“1. Tiddikjara illi l-hsara li rrizultat fil-fond proprjeta’ tal-attur rikorrenti, u cioe’ fis-saqaf u l-hitan tal-garage li jinsab fi Triq is-Swieqi, Swieqi, hija konsegwenza ta’ perkolazzjoni u ingress ta’ ilma mill-fond proprjeta’ tal-konvenuti intimati ghal gewwa dan l-istess garage.

“2. Tordna illi ghandhom isiru x-xoghlijiet rimedjali mehtiega fil-fond tal-konvenuti intimati, sabiex tigi eliminata l-problema ta’ perkolazzjoni u ingress ta’ ilma ghal gewwa l-fond tal-attur, filwaqt illi tordna wkoll li ghandhom isiru x-xoghlijiet mehtiega sabiex tigi rimedjata l-hsara li rrizultat fil-hitan u s-saqaf tal-garage proprjeta’ tal-attur rikorrenti, u dan fi zmien perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, u dan ilkoll a spejjez tal-konvenuti intimati.

“3. F’kaz li l-konvenuti intimati jonqsu milli jwettqu x-xoghlijiet mehtiega entro t-terminu moghti lilhom, allura tawtorizza lill-attur rikorrenti sabiex iwettaq hu tali xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti intimati, u dan taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi.

“4. Tiddikjara illi l-attur rikorrenti sofra danni, konsistenti f’telf ta’ uzu ta’ dan il-garage per konsegwenza tal-imsemmija perkolazzjoni ta’ ilma, kif ukoll f’diversi spejjez ghal diversi servizzi professjonali relatati ma’ spezzjonijiet li gew imwettqa f’dan il-fond.

“5. Filwaqt illi tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, tghaddi sabiex tordna lill-konvenuti intimati jhallsu

lill-attur rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti *in linea* ta' danni.

"Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Settembru 2010, kontra l-konvenuti intimati ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li l-intimati mhuma bl-ebda mod responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti fis-saqaf tal-garaxx tar-rikorrenti;

"3. Illi circa tlettax-il sena ilu kien hemm perkolazzjoni ta' ilma mill-fond proprjeta' tal-intimati ghal dak tar-rikorrenti. Liema perkolazzjoni giet illokalizzata immedjatament u li kienet gejja mill-kamra tal-banju tal-intimati u gie rrimedjat mill-ewwel min-naha tal-intimati li ghamlu x-xoghlijiet kollha mehtiega;

"4. Illi minn dak iz-zmien 'l hawn ma kien hemm l-ebda perkolazzjoni ta' ilma li kien gej mill-fond appartenenti lill-intimati u jidher illi l-problema li ghandu r-rikorrenti jirrizulta mill-fatt illi huwa m'ghamel l-ebda xoghol ta' manutenzjoni fil-garaxx *de quo* u dejjem zammu maghluq u minghajr ventelazzjoni adegwata u di piu' jidher ukoll illi s-saqaf ma giex mibni skont is-sengha u l-arti, haga li certament ma jistghux jahtu ghaliha l-intimati;

"5. Illi bejn is-sena elfejn u ghaxra (2010) u s-sena elfejn u hdax (2011) numru ta' periti u persuni, inkluzi dawk ingaggjati mill-attur stess, ezaminaw il-fond tal-intimati u sahansitra qalghu xi madum mill-istess fond biex jivverifikaw jekk kienx hemm xi perkolazzjoni ta' ilma izda rrizulta illi ma kien hemm ebda ilma li kien qed jipperkola mill-fond taghhom ghall-garaxx tal-atturi;

> “6. Illi ghalhekk, l-intimati ma jistghux jigu kkundannati jaghmlu xoghlijiet rimedjali li qed jitolbu r-rikorrenti jew iktar minn hekk li jhallsu l-ispejjez ghall-istess;
>
> “7. Illi dwar it-talba tar-rikorrenti dwar id-danni allegatament sofferti minnu konsistenti f’telf ta’ uzu ta’ dan il-garaxx din ghandha tigi michuda;
>
> “8. Illi r-rikorrenti m’ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ebda ammont.
>
> “Salv risposti ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.”

Rat li l-kawza thalliet mill-ewwel Qorti ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni cioe`, dik tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Rat is-sentenza relattiva li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Lulju, 2013, billi in forza taghha laqghet l-eccezzjoni fejn tolqot il-hsara tas-saqaf, pero`, cahditha fejn tolqot il-hsara fil-hitan, bl-ispejjez reservati ghall-gudizzju finali;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> “Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f’din il-kawza qed jitlob lill-intimati jaghmlu tajjeb ghall-hsarat li hu jghid gew kawzati fil-fond proprjeta’ minhabba perkolazzjoni ta’ ilma u umdita’ mill-fond sovrastanti proprjeta’ tal-intimati. Huma jsostnu li t-talbiet tal-attur huma preskritti.

“Ikkunsidrat illi l-Artikolu 2153 ta-Kodici Civili jipprovdi illi:

““*L-azzjoni ghall-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ sentejn.*”

“Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati illi min jecepixxi l-preskrizzjoni ghandu, sabiex jirnexxi, jipprova li z-zmien stabbilit mil-ligi tassew ghadda.

““*Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista’ tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib ‘il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa’ prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq*” (“Stencil Pve (Malta)m Limited vs Dr. Maria Deguara et”, deciza fit-30 ta’ Ottubru 2003).

“Huwa stabbilit ukoll illi t-terminu tal-preskrizzjoni f’dawn ix-xorta ta’ kawzi jibda ghaddej mill-mument li tidher il-hsara.

“Kif gie ritenut fil-kawza “Busuttil vs Water Services Corporation” (Appell Inferjuri – 12 ta’ Jannar 2005):

““*Huwa principju maghurf f’ materja ta’ preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf.*”

“Fil-kaz in ezami, xehed l-intimat:

""*Ahna dhalna noqoghdu hemmhekk fin-92. Ftit wara li dhalna hemmhekk kien hemm problema ta' perkolarita` ta' l-ilma minn pipe fil-hajt tal-post tieghi u konna gibna plumber, l-istess plumber li kien hadmilna originarjament biex isewwi. Dan kien xi sena wara li dhalna. F'dan l-istess hajt kien hareg leak iehor xi sena wara jew sentejn, u ma kontx nista' insib minn fejn gej l-ilma. Ma kienx jidher li hemm volumi kbar ta' ilma. F'dan iz-zmien is-Sur Aquilina, attur f'din il-kawza ma kienx joqghod hemmhekk, kien gej u sejjer. Hu kien talabni biex ninzel mieghu fil-garaxx u rajna l-umdita` fil-garaxx, fis-saqaf tieghu. Jien kont ikkuntattjajt lill-insurance tieghi biex jibaghtu surveyor. Flimkien mas-surveyor konna identifikajna fejn huma dawn it-tbajja fil-garaxx u kull ma sibna kien illi s-silicon li kien qieghed izomm id-drain pipe tas-sink mal-hajt kien ittiekel u kien hemm leak minn hemmhekk. Kien sar reducer u l-problema giet solvuta. Dan kien l-aktar tard late nineties, early 2000.*"

"Ikompli jghid f'okkazzjoni ohra in-kontro-ezami:

""*Il-problema min-naha tieghi kienet solvuta. Jien ma kont ergajt smajt xejn minghandu dwar il-hsara li kellu hu, meta kont nkellimt lil Charles Aquilina qalli tinkwieta xejn, kollox sew.*"

"Karen Alden, l-intimata tikkonferma:

""*In the late 1990's, before Mr. Aquilina had moved to his flat and before he got married, asked my husband to inspect his garage ceiling as there was a leak. In fact this was confirmed. The leak was detected and was the result of a problem with the sink drain in the main bathroom overlying the area.*

*"As our property was insured we had called in a surveyor who had assisted in detecting the leak and assessing the damage. The fault was fixed back then and I confirm that to my knowledge no claim was ever filed and no request for compensation for damaged from Mr. Aquilina was ever made.*"

"Alfred Spiteri, li jaghmel xoghol ta' kisi u tibjid jghid ukoll:

""*Bejn Frar u Marzu tas-sena 2001 kien rega' avvicinani biex niltaqa' mieghu u qalli illi fl-istess garaxx kellu t-trouble. Jiena kont innotajt illi fis-saqaf kien hemm hsara tal-ilma. Kien diga' hemm il-faqqaturi.*"

“Ir-rikorrenti nnifsu jghid:

> ““*Xi 3 xhur wara cioe’ qisu Frar tas-sena 2001 ergajt gejt lura. Meta ftaht il-garaxx kont sibt frak mis-saqaf fuq is-saqaf ta’ wahda mill-karozzi. Seta’ kien fuq il-bonnet, jew fuq is-saqaf jew fuq il-bonnet. Jiena harist ’il fuq u rajt roqgha mtebba’ fuq is-saqaf u anke f’partijiet ohra tas-saqaf. Kien hemm qisu tajjar madwar is-saqaf.*”

“Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li t-talba ghar-rizarciment tad-danni minhabba hsara fis-saqaf hija preskritta.

“Mhux l-istess, pero’, jista’ jinghad ghall-hsara li allegatament qed tigi kawzata fil-hitan tal-garaxx tar-rikorrenti.

“Il-Perit Reuben Borg xehed hekk:

> ““*L-ilmenti kienu tnejn: hsarat fis-saqaf u difett f’wiehed mill-hitan tal-garaxx. L-ispecjalita’ tieghi professjonali hija fil-konkoss. Ikkonstatajt illi l-hsara fis-saqaf grat minhabba perkolazzjoni ta’ ilma fil-passat. Din il-perkolazzjoni ta’ ilma kienet giet konfermata quddiemi kemm mill-klijent tieghi kif ukoll mill-persuni li ghandhom il-proprjeta’ ta’ fuqha. Kienu kkonfermaw li fil-passat kien hemm din il-perkolazzjoni ta’ ilma. Jiena accedejt fuq il-post fl-ahhar tal-2011. Il-hsara tal-ilma fil-konkoss iddum biex timmanifesta ruhha b’mod daqshekk spjegat kif inhi issa. It-tieni problema kienet dwar umdita’ f’wiehed mill-hitan tal-garaxx. F’Jannar ta’ din is-sena ergajt gejt mitlub ninspezzjona il-proprjeta’ mill-gdid. Kont ikkostatajt meta harist ghal fuq il-bitha mill-proprjeta’ fis-sulari ta’ fuq, ikkostatajt illi fil-bitha hemm hofra illi tista’ tikkontribwixxi ghall-problema tal-umdita’.*”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' Prim' Istanza fid-9 ta' Lulju 2013. Fejn iddikjaat illi qed *"… tilqa' l-eccezzjoni fejn tolqot il-hsdara tas-saqaf …"* u ghalhekk tghaddi sabiex tichad ghal kollox l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimati appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta li l-attur ghandu garage sottopost ghall-fond proprjeta` tal-konvenuti. L-attur jghid li l-garage tieghu qed jigrilu hsara fis-saqaf u fil-hitan rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti. In linea preliminari, il-konvenuti eccepew illi l-azzjoni attrici ghad-danni hija preskritta bid-dekors ta' sentejn fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti laqghet din

l-eccezzjoni in parte, u cioe`, relattivament ghall-hsara li sofra s-saqaf tal-garage, izda cahditha ghal dik il-parti tal-azzjoni li tolqot il-hsara fil-hitan tal-istess garage.

L-attur appella mill-parti tas-sentenza sa fejn din laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.  F'dan l-istadju, ma sar ebda appell mill-konvenuti mill-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni relattiva ghall-allegati hsarat fil-hitan.

Trattat l-appell, jirrizulta, li fis-sena 2000 jew 2001, l-attur kien ilmenta mal-konvenuti li kien induna li s-saqaf tal-garage kien jidher imtebba.  Peress illi l-konvenuti kienu inxurjati, avvicinaw lid-ditta assikuratrici taghhom li qabbdet persuna biex tezamina l-kagun tal-hsara.  Instab li kien hemm *leak* fid-*drain pipe* tas-sink tal-kamra tal-banju tal-fond tal-konvenuti, li jidher li ssewwa.  L-istorja jidher li waqfet hemm.  Dan l-ahhar l-attur sab aktar hsara fis-saqaf tal-garage u anke fil-hitan tal-istess, u peress li ma sarx qbil mal-konvenuti dwar kumpens, infethet din il-kawza.

L-ewwel Qorti qalet li peress li l-hsara fis-saqaf sehhet fl-2000/2001, l-azzjoni relattiva hi preskritta.

Din il-Qorti tirrileva li, f'dan il-kaz, ma jidhirx li l-materja ta' hsara fis-saqaf waqfet fl-2001. Meta l-perit ex parte tal-attur irrelata fuq il-kaz, xehed li meta ezamina l-garage qabel il-ftuh ta' din il-kawza, sab hsara ingenti fis-saqaf tal-garage. Hu qal li l-hsara fis-saqaf grat minhabba perkolazzjoni ta' ilma fil-passat, pero`, zied jghid – u dan hu importanti – li l-hsara tal-ilma fil-konkos "*iddum biex timmanifesta ruhha b'mod daqshekk spjegat kif inhi issa*". Dan ifisser li l-hsara kompliet tikber maz-zmien, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Abela v. Cassar**, deciza fl-14 ta' Jannar, 2002:

> "*f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bil-mod ma kienx facli biex wiehed jistabilixxi meta effettivament id-danneggjat seta' japprezza l-gravita` tal-problema u f'kull kaz f'sitwazzjoni bhal din id-decizjoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qeghda tiddekorri l-preskrizzjoni.*"

Aktar ricenti, senjament fil-kawza **Schembri v. Zahra**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2012, ghalkemm gie ribadit il-principju li t-termini ta' preskrizzjoni jibda jghaddi, b'mod oggettiv, minn meta ssehh il-hsara, kompliet tghid li meta l-hsara ddum sa ma timmanifesta ruhha kompletament, allura jkunu applikabbli konsiderazzjonijiet ohra. Gie osservat hekk a propozitu:

> "Hawnhekk pero`, huma applikabbli principji ohra, u dan peress li jezistu sitwazzjonijiet ta' certi impedimenti li jaghmluha impossibli, jew difficli, ghall-ezercizzju tal-azzjoni li tkun, mill-parti. Dan jokkorri, perezempju, meta l-ammont ta' hsara jiehu tul ta' zmien biex jigi determinat, ghax il-"hsara" tirrepeti ruhha kultant zmien. Ma tistax tinbeda kawza biex fiha jintalab kumpens ghal hsarat li ghadhom ma gewx kristalizzati, u l-ebda zmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jghaddi sakemm, fil-fatt, il-hsara tibqa' tiggrava (ara, perezempju, il-kaz **Micallef v. Direttur tax-Xoghlijiet**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2001). Din il-Qorti, f'sentenza ricensuri moghtija fis-26 ta'

Gunju 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Muscat et v. Muscat Scerri et** kienet osservat hekk f'kuntest simili:

*"………kif qalet ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Portelli v. Attard****, deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jigux determinati f'mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b'mod li jista' jinghad li l-hsara qeghda kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f'dan il-kaz, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jigi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir."*

Fil-kaz tallum, l-attur kien ra roqgha imtebba' fis-saqaf fl-2001, u s-sors jidher li kien gie identifikat u eliminat. L-entita` tal-hsara, pero`, ma kienx ghadha giet identifikata, u din baqghet tikber bil-mod tul is-snin ta' wara, b'mod li jista' jinghad li l-hsara baqghet kontinwament issir. Kwindi, ma jistax jinghad li l-azzjoni ghall-hsara fis-saqaf tal-garage hi preskritta, ghax, a bazi tal-provi prodotti, l-entita` tal-hsara giet stabbilita biss ricentement, u hu biss issa li l-attur seta' japprezza l-gravita` tal-problema.

Barra mill-premess, il-konvenut fis-16 ta' Settembru, 2010, baghat e.mail lill-attur fejn qallu li "*I would like to confirm that we are willing to repair any damage that has been caused by any leaks-water problems from our residence*".

Tali dikjarazzjoni inekwivoka tal-konvenuti appellati ghandha zgur isservi, almenu, bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Il-fatt li l-konvenuti jghidu li huma ghamlu tali dikjarazzjoni ghax kienu taht l-impressjoni li s-socjeta` assikuratrici taghhom kienet se thallas, hu irrilevanti ghax l-impenn ghall-hlas sar bil-miktub u b'mod inkondizzjonat. F'kull kaz, dikjarazzjoni fis-sens li dak li jkun lest ihallas jekk il-kreditu jirrizulta ppruvat, hija rikonoxxuta fil-gurisprudenza bhala interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni, (ara **Fenech v. Portelli**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April, 2004, u l-gurisprudenza l-ohra hemm indikata).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens biss li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu din giet milqugha mill-ewwel Qorti fejn tolqot il-hsara tas-saqaf u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz fil-meritu.

L-ispejjez kollha tal-kawza relatati mal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu mill-konvenuti appellati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------